



2025/153

30.1.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/153

tad-29 ta' Jannar 2025

li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tal-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾ stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.
- (3) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-kumpanija Wageningen Plant Research ("l-applikant") ressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tintroduċi fis-suq tal-Unjoni l-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* bħala ikel ġdid. L-applikant talab li l-ikel ġdid jintuża bħala ħaxix, b'mod simili għal ħxejjex oħra bil-weraq, imsajjar jew miżjud ma' prodotti lesti biex jittiekle għall-popolazzjoni ġenerali.
- (4) Fis-27 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") twestaq valutazzjoni tal-pjanti sħaħ tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* bħala ikel ġdid.
- (5) Fit-28 ta' Settembru 2022, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of *Lemna minor* and *Lemna gibba* whole plant as a novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ⁽³⁾ f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (6) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-ikel ġdid fih ammonti oġġla ta' manganiż meta mqabbel mal-konċentrazzjoni normalment preżenti tal-manganiż fi ħxejjex oħra bil-weraq, li jistgħu jkunu ta' tħassib għas-sikurezza. Għalhekk, is-sikurezza tal-ikel ġdid ma setgħetx tiġi stabbilita.
- (7) Wara l-adozzjoni tal-opinjoni xjentifika, l-applikant talab lill-Kummissjoni l-possibbiltà li tindirizza t-tħassib dwar is-sikurezza enfasizzat mill-Awtorità fil-konklużjoni tagħha billi jipprovdi informazzjoni addizzjonali li turi li bit-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet tal-manganiż tal-materjal li fih issir il-kultivazzjoni, il-kontenut tal-manganiż fil-*Lemna gibba* ma jaqbiżx il-kontenut tal-manganiż fil-ħxejjex bil-weraq.
- (8) Fit-30 ta' April 2024, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità għal assistenza xjentifika u teknika fir-rigward tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA dwar "Safety of *Lemna minor* and *Lemna gibba* whole plant material as novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283", sabiex tevalwa aktar jekk l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-applikant tindirizzax it-tħassib relatat mal-konsum tal-manganiż.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).

⁽³⁾ EFSA Journal 2022;20(11):7598.

- (9) Fl-10 ta' Lulju 2024, l-Awtorità adottat ir-rapport bit-titlu "Scientific and technical assistance report on the evaluation of the safety of *Lemna gibba* and *Lemna minor* whole plant material as novel food" ⁽⁴⁾. Fir-rapport tagħha, l-Awtorità nnutat li l-kontenut tal-manganiż fil-*Lemna gibba* tnaqqas għal livell ta' 6 mg/kg ta' piż frisk (PF), li huwa komparabbli mal-ispinaċi li nstab li għandu l-ogħla kontenut ta' manganiż fost il-ħxejjex bil-weraq, b'livelli sa 9 mg/kg f'PF. Għalhekk, l-Awtorità kkonkludiet li l-kontenut tal-manganiż fl-ikel ġdid tnaqqas għal livelli li ma jaqbżux dawk fi ħxejjex oħra bil-weraq. Ir-rapport jindika wkoll li peress li ż-żewġ speċijiet tal-*Lemna* juru kontenut simili ta' manganiż, jitqies raġonevoli li wieħed jassumi li fil-kundizzjonijiet ta' kultivazzjoni li għadhom kif ġew applikati, jista' jinkiseb tnaqqis ekwivalenti fil-kontenut tal-manganiż fil-*Lemna minor* bl-istess mod miksub fil-*Lemna gibba*. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EFSA qieset li l-livell massimu ta' speċifikazzjoni għall-manganiż fl-ikel ġdid jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 6 mg/kg ta' piż frisk.
- (10) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni xjentifika u r-rapport tekniku jagħtu biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-pjanti tal-*Lemna gibba* u tal-*Lemna minor* jissodisfaw il-kundizzjonijiet għat-tqegħid tagħhom fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (11) Jixraq li l-inklużjoni tal-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* bħala ikel ġdid fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (12) Il-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat kif xieraq.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* huma awtorizzati li jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni.

Il-pjanti tal-*Lemna minor* u tal-*Lemna gibba* għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽⁴⁾ <https://doi.org/10.2903/sp.efsa.2024.EN-8963>.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:
(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Ikel ġdid awtorizzat"	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-data
Lemna minor u Lemna gibba ttrattati bis-sħana	Kategorija tal-ikel speċifikat	Livelli massimi	1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'Pjanti tal-Lemna minor u tal-Lemna gibba'."		
	Mhux speċifikat				

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja: [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ġentilment mitlub idaħħal il-verżjoni bil-MT f'ordni alfabetika.]

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjoni
"Lemna minor u Lemna gibba ttrattati bis-sħana	<i>Deskrizzjoni/Definizzjoni:</i> Materjal tal-pjanti tal-Lemna minor u tal-Lemna gibba kkultivat f'kundizzjonijiet ikkontrollati li jikkonsisti minn weraq ħodor żgħar ittrattati bis-sħana b'xi xniexel bojod.
	<i>Karatteristiċi/Kompożizzjoni</i> Indewwa 91–95 g/100 g Proteina (N x 6,25) 1–4 g/100 g Karboidrati 1–3 g/100 g Fibra: 0,5–3 g/100 g Rmied 1–2 g/100 g Xaħam 0,2–0,6 g/100 g Ossalati (bħala ossalat tal-kalċju) < 1,6 g/kg Beta-karoten < 3,160 µg/100 g Folat < 38 µg/100 g Fillokinon < 46 µg/100 g Ram < 2,5 mg/kg Hadid < 53 mg/kg Manganiż ≤ 6 mg/kg Molibdenu < 0,5 mg/kg Żingu < 20 mg/kg Kromju < 1 mg/kg Boron < 15 mg/kg <i>Kontaminanti</i> Nitrat < 520 mg/kg Nitrit < 1,75 mg/kg Ċomb < 0,3 mg/kg Kadmju ≤ 0,2 mg/kg Merkurju ≤ 0,05 mg/kg

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjoni
	Arseniku < 0,05 mg/kg Mikroċistini ≤ 23 µg/kg Nodularini < 7 µg/kg IAA < 0,1 mg/kg <i>Kriterji mikrobijoloġiċi</i> Għadd totali ta' mikrobi aerobiċi: < 5 000 CFU/g <i>Escherichia coli</i>: < 100 CFU/g <i>Bacillus cereus</i>: < 100 CFU/g <i>Staphylococci</i> pożittivi għall-koagulażi: Mhux individwata f'10 g <i>Listeria monocytogenes</i>: Assenza f'25 g <i>Salmonella</i> spp.: Assenza f'25 g Għadd totali ta' ħmira u ta' moffa: < 100 CFU/g IAA: aċidu indol-3-aċetiku; CFU/g unità li tiffurma kolonja.“